**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Frar 2024**

Rikors Numru: 574/23 AL

A B C

vs

D E C

(M.R. Numru 2656/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonferma bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-esponent mizzewwga lill-intimat D E C u minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Huma zzewwgu fis-26 t'Awwissu 2017 - ara certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. CTEI;

2. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal madwar dawn l-ahhar hames snin ghaliex iz-zwieg bejniethom m'ghadhux possibbli;

3. Il-partijiet irrinunzjaw ghal manteniment minghand xulxin;

4. Illi m'hemmx prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni minhabba l-fatt illi l-partijiet jghixu hajja kompletament separata minn xulxin u diga' kienu ppruvaw li jsalvaw iz-zwieg bejniethom izda dan safa fix-xejn;

1. 5 Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti skont kif titlob il-Ligi u ghalhekk m'hemm l-ebda impediment ghad-divorzju bejn il-partijiet;

5. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment (ara l-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok CTE2) u ghalhekk qed issir din il-kawza.

Talbet lill-intimat sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skont l-Artikolu 66D tal-Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien mholli ghal daqshekk, javza lid- Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg u jew divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

3. u dan taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Jannar 2024;

Semħet lill-intimat preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li ma jopponiex għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar hames snin.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.